**Novembru: Xahar tal-Mejtin u tal-Ħajjin**

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

Fit-2 ta' Novembru, tibda' tara nies deħlin u ħerġin miċ-ċimiterji jpoġġu bukketti ta' fjuri u x-xemgħat ta' kull għamla fuq l-oqbra tal-egħżież tagħhom. Oħrajn ilissnu xi talb għal dawk li diġa ħallewna. Xi wħud minn dawn lanqas temmen, qatt ma jersqu lejn il-knisja fil-Ħdud kollha tas-sena. Jaħsbu li bil-ftit fjuri u xi xemgħat li poġġew fuq il-qabar tal-qraba jew ħbieb ikun biżżejjed għalihom – qdew id-dmir ta' nsara li huma.

Naħsbu wisq fuq dawk li ħallewna u nħossu ferm il-firda tal-mewt tagħhom. Irridu nifhmu u naċċettaw li kulħadd irid jgħaddi minn din il-fażi ta' ħajja, il-mewt, il-biki, is-swied il-qalb u l-firda. San Pawl jgħallimna li kulħadd irid imut, trid u ma tridx, imbagħad irridu ngħaddu mill-proċess tal-Ġudizzju, jiġifieri kulħadd jrid jgħati kont ta' dak li jkun wettaq jew ma wettaqx f'ħajjtu.

Jien naħseb li kieku kulħadd jgħati daqsxejn aktar attenzjoni ta' dak li qed nagħmlu, ħajjitna tieħu xegħjra differenti, ikollha aktar sens u sinifikat.

Fl-omeliji tagħna, fil-quddiesa tal-mejtin għandha tiġi aktar ta' importanza ta' dawk in-nies li hemm quddiemna biex jirrealizaw x'inhuwa l-fini prinċipali tal-ħajja fuq din l-art.

Mela Novembru mhux biss huwa x-xahar tal-Mejtin imma aktar tal-Ħajjin. Il-Qaddisin bħal San Franġisk ta' Assisi, kien isejjaħ l-mewt "Oħti l-Mewt". Imma għaliex San Franġisk lil mewt sejjilha oħtu? Għaliex il-mewt hija passaġġ li teħodna għand Alla biex nibdew il-ħajja Eterna. San Thomas More, qabel ma miet, ta' lil bojja arloġġ tad-deheb, qabel ma' l-bojja jaqtalu rasu. Il-bojja mistgħaġeb staqsieh "Għaliex qed tgħatini dan l-arloġġ?" San Thomas More wieġbu "Inti se tkun il-mezz biex nibda' ngawdi 'l Alla".

*Mela ejjew nieħdu ħsieb ruħhna filwaqt li aħna għadna ħajjin sabiex b'dak li nwettqu f'ħajjitna jkollna aktar merti għal ħajja eterna.*





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema

## Ħad-Dingli

**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 12**
**2025**



## *75 SENA MID-DOMMA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA MTELLGĦA S-SEMA*

Għeżież,

Filwaqt li din is-sena qegħdin niċċelebraw is-sena tal-Ġublew Imqaddes 2025 – Pellegrini ta' Tama – kif smajna diversi drabi speċjalment fil-jiem tal-festa tal-Assunta, qegħdin infakkru wkoll avveniment ieħor ta' importanza partikulari: meta 75 sena ilu, preċiżament nhar l-1 ta' Novembru 1950, il-Papa Piju XII, bil-Kostituzzjoni Appostolika *'Munificentissimus Deus'* (*Alla Kbir fil-Ħniena*) ipproklama u ddefinixxa bħala domma ta' fidi l-Assunzjoni ta' Marija:

***"Għalhekk, wara li għollejna t-talb tagħna mħeġġeġ lejn Alla u tlabna d-dawl tal-Ispirtu tal-Verità, għall-glorja ta' Alla li jista' kollox, li xerred fuq Marija l-imħabba tiegħu speċjali għall-ġieħ ta' Ibnu, Re taż-żminijiet li ma jistax imut u rebbieħ tad-dnub u tal-mewt, għall-glorja akbar tal-Kbira Ommu u għall-ferħ tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, tal-Qaddisin, hena tal-Knisja kollha, bis-setgħa tal-Appostli, Pietru u Pawlu u tagħna, inxandru, niddikjaraw u niddefinixxu bħala domma minn Alla rivelata li: l-Omm ta' Alla bla tebgħa dejjem Verġni Marija, meta spiċċatilha l-ħajja tagħha ta' hawn fl-art, kienet imtellgħa għall-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem."***

Iżda x'nifhmu eżatt bil-kelma 'Domma'? X'jiġifieri? Fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafu 88 insibu li l-Knisja tħaddem l-awtorità tagħha li għandha minn Kristu li tgħallem meta fil-fatt tipproponi xi veritajiet tal-fidi tagħna b'sura li torbot il-poplu nisrani b'rabta ta' fidi li ma tistax terġa' lura minnha, bħalma fil-fatt hija din dwar l-assunzjoni ta' Sidtna Marija: li bi grazzja speċjali, Alla ried li dak li għad jiġri fl-aħħar jum lil dawk li jmutu fi Kristu, jiġri fil-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla u Immakulata, mill-ewwel:-hi, bi privileġġ singulari, tkun l-ewwel waħda – wara Binha Ġesù – li ma tarax it-taħsir tal-qabar, imma tibda tgawdi d-dehra salvivika u beatifika!

*(ikompli f'paġna 2)*

Il-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunta kienet l-aħħar pass f'medda twila ta' sekli ta' devozzjoni Marjana, u ta' diversi dommi Marjani (3) oħra: id-domma tal-Maternità Divina ta' Marija, definita waqt il-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431; id-domma tal-Verġinità ta' Marija, definita waqt is-Sinodu tal-Lateran fis-sena 649; u l-Konċepiment Immakulat ta' Marija, definit mill-Papa il-Beatu Piju IX fl-1854. Il-festa li tfakkar it-tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija ilha ġejja sa' mill-bidu tal-5 seklu, meta f'Ġerusalemm, kienet tiġi iċċelebrata din il-festa ta' tifkira. Kien imbagħad Papa Serġju I (687-701) li daħħalha fil-Knisja tal-Punent flimkien ma' festi Marjani oħra. Hekk, bil-mod il-mod, din il-festa bdiet tiġi ċċelebrata fi knejjes oħra. Ta' min ninnutaw ukoll li kienu diversi l-qaddisin li xerrdu u ddefendew b'qawwa t-tagħlim dwar Marija Santissima: San Ċirillu ta' Lixandra, San Ġerman ta' Kostantinopli, San Ġwann ta' Damasku u San Efrem tas-Sirja.

Barraminhekk, mhux ftit kienu l-artisti kbar li ppruvaw jagħtu forma viżibbli lill-Assunzjoni ta' Marija. Quddiem ix-xogħlijiet tagħhom, il-ħarsa tagħna kważi dejjem tinġibed lejn tip ta' vjaġġ 'il fuq, bejn l-istagħġib ta' dawk li jassistu minn isfel u l-ferħ solenni tas-Sema li jilqa' lil Marija fil-korporeità femminili kollha tagħha, akkumpanjata u spiss appoġġjata minn anġli li ma jagħmlu l-ebda sforz. Hemm ħafna familjarità bejn dik il-mara u s-Sema, mifhuma bħala d-dar ta' Alla, simbolu tar-realtà divina, li tikkoinċidi mad-dinja tal-bniedem mingħajr ma titħawwad magħha. Marija m'għandha tħalli xejn mill-umanità tagħha biex tidħol fis-Sema.

Jalla mis-sema Sidtna u Ommna Marija tkompli tberikna u tagħtina l-għajnuna fil-ħajja tagħna l-insara sakemm flimkien magħha mmorru ngawdu 'l Alla għal dejjem.

**Ġakulatorja**

***O Marija wisq grazzjuża***
***inti l-Omm, l-iżjed glorjuża,***
***inti l-Bint, inti l-Għarusa***
***tal-Imqaddsa Trinità.***

***Mela lilek, O Marija,***
***aħna nagħtu dil-foħrija***
***sabiex miegħek imhennija,***
***ngawduk fl-eterinità***

Kan. David Farrugia
Arċipriet





## X'Qalu l-Qaddisin fuq MARIJA OMMNA

*Kitba ta' Doris Borg*

**San Luiġi Maria de Montfort**: Marija hi l-kapolavur eċċellenti tal-Ikbar Għoli. L-Iben ta' Alla sar bniedem għas-salvazzjoni tagħna imma permezz ta' Marija, u f'Marija.
**San Bonaventura**: L'Anġli fis-Sema mingħajr ma jaqtgħu jgħidulha: "Qaddisa, Qaddisa, Qaddisa, Qaddisa Marija Omm Alla u Verġni.
**San Franġisk de Sales**: Ejjew niġru lejn Marija u bħal tfal ċkejknin tagħha nintelqu f'idejha b'kunfidenza perfetta.
**Santu Wistin:** Id-dinja ma kinetx denja li tirċievi l-Iben t'Alla direttament minn idejn il-Missier. Hu ta l-Iben tiegħu lil Marija biex id-dinja tircevieh minn għandha.
**San Bażilju l-Kbir**: O! Imsejken midneb, taqtax qalbek, imma rrikorri lejn Marija fil-bżonnijiet kollha tiegħek. Sejħilha biex tgħinek għaliex din hi r-Rieda Divina li hi tgħin lil kulħadd f'kull neċessità.
**San Ġwann Maria Vianney:** Jekk titlob lil Verġni Mbierka meta tkun ittentat, hi tiġi mill-ewwel biex tgħinek u x-xitan iħallik malajr.
**Papa Benedittu XVI**: Il-perseveranza fidila ta' Marija biex tagħmel ir-rieda ta' Alla, huwa eżempju ċar ta' kuraġġ u tama għalina lkoll.
**Santa Tereża ta' Lisieux**: F'kull gwaj jew diffikultà, jiena dejjem irrikorrejt lejn Ommi Marija, li bil-ħarsa tagħha biss kienet biżżejjed għalija biex tneħħili kull biża.
**San Tumas D'Aquinu**: Bħal mal-baħrin huma ggwidati lejn il-port permezz ta' kewkba brillanti, hekk aħna ggwidati lejn is-Sema permezz ta' Marija.
**San Piju ta' Pietrelcina (Padre Piju):** J'Alla Omm Ġesù u Ommna titbissem fuq l-ispirtu tiegħek, u tikseb għalik mingħand Binha kull barka tas-Sema.
**San Massimiljanu Kolbe**: Lil Verġni Mbierka qatt tibża tħobbha ħafna. Qatt ma tista' tħobbha aktar milli ħabba Ġesù.

F'dawn il-ftit kwotazzjonijiet hemm miġbura l-qawwa tal-interċessjoni ta' Marija. San Luiġi Maria de Montfort igħidilna li tgħid kemm tgħid fuq Marija qatt ma hu biżżejjed. Iżda aħna mhux ngħidu biss irridu, imma jinħtieġ li nitolbuha ta' spiss, nitgħallmu nsejħulha matul il-ġurnata biex naqsmu magħha l-ferħ u l-inkwiet tagħna. Jekk nersqu qrib ta' Marija, naslu biex nibdew nimitawha, li fuq kollox dan huwa punt importanti ħafna jekk irridu nikbru spiritwalment. Dan iwassalna wkoll biex nintrabtu mar-rieda ta' Alla bħal ma ntrabtet hi.

Egħżież,



Inkellem b'mod speċjali lil dawk li m'għadhomx jemmnu, dawk li m'għadhomx jittamaw, dawk li m'għadhomx jitolbu, għax jaħsbu li Alla telaq, nsihom u abbandunhom

Lil dawk kollha li xebgħu bl-iskandli, bil-poter użat ħażin, bis-skiet ta' knisja li kultant tidher aktar qisha palazz milli dar. Jien ukoll kont irrabjat ma' Alla. Jien ukoll rajt nies tajbin imutu, tfal ibatu, nanniet jibku bla mediċina … u iva … kien hemm ġranet fejn tlabt u ħassejt biss eku.

Imma mbagħad skoprejt xi ħaġa. Alla ma jgħajjatx. Il-vuċi t'Alla hi siekta imma titkellem mill-qalb li qed tbati drabi fis-skiet u fit-tiġrib ta' ħajja mimlija sofferenzi. Hi vuċi li toħroġ mill-fomm ta' nanna li titmiegħek bla ma jkollha xejn. Ma nasalx biex noffrilek fidi perfetta. Jiena ngħidlek li l-fidi hija mixja b'tant slaleb, mumenti ta' waqgħat u drabi xi tgħannieqa li qatt ma stennejt.

Mhux qed nitolbok temmen f'kollox. Qed nitolbok biex ma tagħlaqx il-bieb. Agħti ċans lil Alla li qed jistenniek bla ma jiġġudikak. Jien biss qassis li rajt lil Alla fit-tbissima ta' mara li tilfet lil binha ….. u b'danakollu kienet hemm għal ħaddieħor li tant ippreparat ikel għal dawk fil-bżonn.

Dik bidlitni. Mela jekk tkun imkisser, jekk ma temminx, jekk tkun għajjien bil-gideb …. Ejja xorta waħda. Bir-rabja tiegħek, bid-dubju tiegħek, bil-basket tiegħek ta' wara darek maħmuġ. Hawnhekk ħadd mhu se jitolbok VIP Card.

Għax din il-knisja, sakemm nieħu n-nifs, se tkun id-dar għal min hu bla saqaf fuq rasu u kenn għal min hu midgħi. Alla m'għandux bżonn suldati. Għandu bżonn l-aħwa, u int, iva int wieħed minnhom.

**+ Robert Prevost Leo XIV**



**Leġjun ta' Marija**
**Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli (Nisa u Irġiel)**
**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa
**Ħin**: 4:45 pm
**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali



**Misteri tal-Ħajja.**



Il-ħajja fiha ħafna misteri, ngħidu aħna: għaliex tarbija titwieled minn ġenituri drogati? Għaliex din jew dik id-disgrazzja. Ħafna nies ħabblu moħħhom u qalu kif jista' jkun dan. Kif Alla tant ħanin u jħobb jippermetti dan kollu u mhux biss imma jħalli dan kollu għal ġenerazzjonijiet sħaħ.

L-Iskrittura tgħid "Il-fehmiet Tiegħi m'humiex fehmitkhom u t-triqat tiegħi m'humiex triqatkom. Għax daqs kemm huma għola s-smewwiet mill-art daqshekk ieħor huma t-triqat 'l fuq minn triqatkom u l-fehmiet tiegħi mill-fehemiet tagħkom. (Is. 55,8-9)

Dawn huma sitwazzjonijiet ta' bla risposta. Tajjeb inkunu nafu li sa minn qabel it-tnissil tal-bniedem, Alla juri ċirkustanzi tal-ħajja u magħhom jagħti għażliet. Jagħti wkoll ir-Rieda Ħielsa lil kull persuna.

Ġesù ser jispjega. Veru li ma jagħmilx sens li Alla kollu mħabba jħalli dan kollu meta Huwa ħalaq Univers perfett sakemm il-bniedem daħal fin-nofs permezz tad-dnub u r-ribelljoni. Alla ma ħalaqx il-bniedem ROBOT imma aġent ħieles mingħajr irbit ta' xejn biex iħares il-liġijiet tiegħU b'rieda ħielsa u moħħ kreattivi. Din hi tweġiba sempliċi. Issa t-tweġiba aktar kumplessa u kif dan iseħħ jiġi spjegat meta nidħlu fiż-żona bla tmiem ta' l-eternità. L-Univers huwa wisq aktar kumpless milli qatt moħħ il-bniedem jew kompjuter jista' jifhem. Hemm liġijiet li jmexxu kollox u meta l-bniedem jagħżel li jimxi fuqhom ikun hemm ġenna fl-art. Imma meta jiddeċiedi li jieħu l-affarijiet f'idejh ir-riżultat ikun kaos sħiħ. Hemm ħafna affarijiet li ma kienux intenzjonati li nkunu nafuhom f'din l-art. Mela jekk nimxu fuq dawn il-liġijiet issaltan paċi u sliem.

Ir-raġuni vera għalfejn Alla ħalaq il-bniedem b'rieda ħielsa hija li Ġesù jridna inħobbuh bil-libertà tagħna kollha u wkoll li aħna nagħżlu lilU biss. Imma hemm bżonn li biex dan iseħħ, il-bniedem irid jiġi espost għat-tentazzjoni. Il-bniedem huwa egoċentriku u qatt ma jista' jifhem liema naħa tajba għandu jieħu dejjem, imma permezz tal-imħabba jista' jifhem it-triq it-tajba basta bl-ubbidjenza.

Issa biex jiġi msewwi dan kollu kien hemm bżonn id-Demm ta' Kristu għax il-ħajja qiegħdha fid-demm u hemm bżonn li tiġi offruta l-ħajja biex ifejjaq l-ħajja li ntilfet minħabba d-dnub.

Għalhekk seħħet il-passjoni u l-mewt Tiegħu fuq is-salib għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha. Issa aħna rridu nagħżlu jew inkunu parti ma' Kristu għas-salvazzjoni jew nirribellaw. L-għażla hi f'idejna.

**President**

**Albert Sammut**

**Talba ta' Saċerdot il-Ħadd fil-għaxija**

Illejla ninsab waħdi, Mulej.
In-nies ħarġu mill-Knisja u erġajt lura d-dar... waħdi.
Fit-triq iltqajt ma' familji ġejjin lura mill-ħarġa tal-Ħadd.
Xi tfal jilgħabu l-ballun ħabtu miegħi... tfal li qatt ma jista' jkolli.
Hawn jien Mulej, fil-ħemda ta' kamarti, is-skiet qed jagħfas fuqi.
Qed nikber fl-età. Bħal kull raġel fl-età tiegħi, ġismi lest biex jaħdem,
qalbi lesta li tħobb.
Tajtek kollox... imma llum qed inħoss l-ebusija ta' din l-offerta.
Ħaġa iebsa tagħti ġismek, waqt li ġismek m'hu ta ħadd...
Ħaġa iebsa tħobb lil kulħadd, waqt li tiegħek m'huwa ħadd...
Ħaġa iebsa tagħfas id persuna, mingħajr ma tibqa' żżommha....
Ħaġa iebsa ssaħħar in-nies wara l-Mulej, u lil ħadd warajk...
Ħaġa iebsa ma tkun xejn għalik innifsek, iżda kollox għal kulħadd.
Iżda nħoss il-Mulej iwieġeb:
"Le, Ibni, m'intix waħdek. Jien miegħek.
Minn dejjem ħlomt bik, għażiltek, ridtek Tiegħi.
Neħtieġ idejk biex nibqa' nbierek.
Neħtieġ fommok biex nibqa' nagħti kliem il-ħajja.
Neħtieġ ġismek biex nibqa' nbati.
Neħtieġ qalbek biex nibqa' nħobb.
Għandi bżonnok biex nitma' lil ħutek imġewwħin.
Ibqa' miegħi, Ibni!"
Hawn jien, Mulej.
Hawn hu ġismi, hawn hi qalbi, hawn hi ruħi.
Agħmel li nikber biżżejjed biex nilħaq lil kulħadd.
Li nkun b'saħħti biex inġorr lil kulħadd.
Li nkun safi biżżejjed biex ngħannaq lil kulħadd mingħajr ma niggranfa lil ħadd.
Agħmel li ħajti tkun pjazza fejn kulħadd jiltaqa' imma ħadd ma jieqaf,
triq li twassal biss għal għandek.
Illejla, Mulej, meta mħabbtek qed tweġġagħni,
meta mħabbet ħuti tagħfas fuqi,
nixtieq mill-ġdid ngħidlek "Iva",
forsi mhux bit-tbissima faċli ta' jum l-Ordinazzjoni,
imma llum, hawnhekk, quddiemek, fis-skiet u l-ħemda ta' kamarti.

**Michel Quoist**



# IL-PURĊISSJONI TAL-BIDU



Fil-Liturġija ta' wara l-Konċilju Vatikan II, il-Quddiesa tibda bi proċessjoni, li fiha s-Saċerdot flimkien mal-ministri, jimxi mis-sagristija sa' ħdejn l-Altar, mixja li tkun imsieħba mill-kant tal-bidu.

"Meta jinġema' l-poplu, waqt li jkun dieħel is-Saċerdot mal-Ministri, jibda l-kant ta' l-introjtu. Il-ħsieb ta' dan il-kant hu li jiftaħ iċ-ċelebrazzjoni, igħin il-għaqda tal-ġemgħa, jerfagħlhom ħsibijiethom fil-misteru taż-żmien Liturġiku jew tal-festa li tkun u jsieħeb il-proċessjoni tas-Saċerdot u tal-Ministri." (O.M.G.R. – 25).[1]

Kif josserva l-Kardinal Lercaro, fil-ktieb "***A Messa, figlioli***" paġna 128, "Il-Quddiesa mhix assemblea statika: hemm tliet proċessjonijiet li jimmarkaw tliet mumenti tal-Quddiesa: il-proċessjoni tal-introjtu tas-Saċerdot u l-Ministri li mis-sagristija jimxu lejn l-Altar; il-proċessjoni tal-offertorju tal-insara u tar-rappreżentanti tagħhom li jressqu sal-Altar l-offerti u r-rigali tal-ġemgħa, u l-proċessjoni tat-Tqarbin li fiha wlied Alla jersqu lejn il-mejda biex jieħu l-ikel li Huwa ħejjielhom. Dan it-tliet proċessjonijiet jagħtu lill-ġemgħa tal-Poplu t'Alla, sens ta' moviment jew mixja lejn għan superjuri li huwa l-qofol tan-natura tal-Knisja u tal-ħajja nisranija. Huwa s-sens eskatoloġiku." Fi kliem ieħor dawn it-tliet proċessjonijiet ifissru li l-Poplu t'Alla, huwa f'mixja minn din l-art lejn id-dar tal-Missier li hemm fis-sema, għaddej minn din il-ħajja għal ħajja oħra li tibqa' għal dejjem.

Fil-liturġija tar-Rabta l-Qadima, il-pellegrinaġġ għat-tempju ta' Ġerusalemm, kellu mportanza partikulari. Diversi salmi nkitbu sabiex jitkantaw matul dan il-pelleġrinaġġ. Għalhekk is-salmi 120 – 134 jissejħu Salmi gradwali jew għanjiet tat-telgħat.

Fil-Liturġija tal-Knisja, din il-proċessjoni għandha tfakkarna fi kliem l-Appostlu Missierna, li dment li ngħixu fl-art, qegħdin fi vjaġġ lejn Alla. "Sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej: aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni... Aħna qalbna qawwija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej." (2 Kor 5, 6-8).

Huwa u dieħel is-Saċerdot biex jibda' l-Quddiesa, kulħadd għandu jqum bilwieqfa b'sinjal ta' rispett lejn il-Ministru t'Alla li f'isem Kristu jkun ser jagħti bidu għall-azzjoni Liturġika.

[1] *Ordinamento Generale del Missile Romano_25*

# Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (11)



*Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager*

Meta ħrigt bil-penzjoni ta 61 sena, spiċċajt d-dar nagħmel xi xogħol ta' tiswijiet u tibdil fid-dar li ma kellix ħin għalihom qabel. Domt xi sitt xhur sejjer hekk. Wara li lestejt li kelli nlesti, sibt ruħi ndur mal-kmamar. Darba fis-sajf konna tilgħin jien u marti wara nofs ta' nhar minn Għajn Tuffieħa, kont bil-ħwejjeg tal-baħar, u meta wasalna qrib Villa Messina, r-Rabat, il-mara qaltli "*Mur ara jridux xi nurse hawn, flok ma toqgħod d-dar u tinnervja!*" Ċedejt u dħalt. Kif kellimt lill-*Matron* tal-post, din sparixxiet minn quddiemi u ftit wara ġiet b'formola tac-*C.V.* biex nimliha. *"Ejja miegħi għall-interview, tagħtix każ kif int liebes, mhux problema"*. Kienu bil-għatx għan-*nurses*.
Hawn beda perjodu ġdid għalija fis-settur tal-privat. Domt hemm sitt snin sħaħ. L-ewwel ħdimt fit-tliet sulari kollha bil-lejl u bin-nhar, imbagħad qlibt mas-sala tad-*dimentia* bil-lejl biss. Kont naħdem meta rrid jien għax ma ridx nintrabat b'xogħol "*full-time*".
Rajt differenza kbira bejn li tkun f'istituzzjoni tal-gvern għal djar privati. Fil-privat sibt li l-amministrazzjoni taħdem bl-inqas spejjes possibli allura barra l-*carers* konna nkunu żewġ *nurses* biss ma' xi 120 klijent, li jinqala għalik. Trid tipprepara u tqassam l-mediċini tal-ġurnata, medikaturi, u x-xogħol kollu li jirrigwarda lin-*nurse*, barra xi emerġenzi li jistgħu jinqagħlu mill-klijenti. Min ikollu bżonn tabib irid iġib it-tabib privat tiegħu u bil-lejl jiġu tal-"*Health Centres*" għax ħafna mit-tobba privati ma jiġux bil-lejl. Il-klijent kien irid iħallas *extra* għal kull ħaġa li ssirlu barra dak li jkollu fil-kuntratt. Kien hemm ħafna li kienu jgergru fuq l-ikel speċjalment ta' fil-għaxija għax dejjem l-istess u ma jħajrekx. Kienu jieklu xi ħaga oħra milli kien ikollhom fil-kmamar tagħhom. Kien hemm min jippreferi li jiekol fil-kamra tiegħu u mhux fis-sala ta' l-ikel. Dawn kienu iħallsu *extra* kull darba li jġibulhom l-ikel fil-kamra.
Il-kmamar kienu jew ta' sodda waħda, tnejn jew tlieta. Iktar privatezza, iktar tħallas fix-xahar. Kien hemm kamra ta' ħamsa qrib l-istaff għal klijenti gravi. Bil-lejl konna mmorru xi darbtejn niftħu l-kmamar bil-"*master-key*" ħalli niċċekkjaw jekk l-klijent kienx kollox sew, għax il-klijenti kienu jagħlqu l-bieb għal privatezza tagħhom. Trid tħabbat qabel tidħol. Min kien irid xi servizz kien iċempel il-qanpiena u timmarka fejn kien ikun l-istaff, u dawn imorru fil-kamra konċernata biex jaqduhom. Mal-ġurnata kien hemm min joħrog u jmur fejn ikollu bżonn. Ġieli ġew tal-familja u jmorru magħhom. Min kien ikollu appuntament għal xi sptar kienet tmur *carer* magħhom jew xi ħadd tal-familja.
Xi sena wara iddeċidejt li naħdem bil-lejl biss, fis-sala tad-*Dimentia.*





# IL-PAPIET - Seklu VIII (701 – 795AD)

*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

Mill-Papa **Ġwanni VI** (701-705AD) sa' **Adrijanu I** (772-795AD)

X'uħud mill-Papiet tas-Seklu VIII mhux se nsemmuhom għaliex kienu jirrenjaw anke ftit ġranet biss bħal: **Sisinnju** (708AD); **Ġwanni VII** (sentejn); **Ġwanni VI** (4 snin).

**Kostantinu I** (708-715AD) magħruf għal vjaġġ li għamel minn Ruma għal Kostantinopoli biex iġib il-Paċi bejn iż-żewġ ibliet fiż-żmien l-Imperatur Ġustinjanu II.

**San Girgor II** (715-731AD) u **San Girgor III** (731-741AD). Dawn damu jirrenjaw bejniethom 26 sena.

**San Żakkarija** (741-752AD) Grieg. Diplomatiku kbir infatti huwa waqqaf relazzjoni tajba mar-Re tal-Longobardi: Liutprando.

**Stiefnu II** (752-757AD) F'dan il-perjodu kien Isqof ta' Ruma. Waqt il-Pontifikat ta' dan il-Papa, Ruma kienet qed tiffaċċja invażjoni mill-Lombardi meta Stiefnu II mar Pariġi biex ifittex l-għajnuna mingħand Pepin. Pepin għeleb lill-Lombardi u għamel għotja ta' art lill-Papa, biex eventwalment wassal għat-twaqqif tal-Istat Papali.

**San Pawl I** (757-767AD) bħala Papa għamel 10 snin. Dan il-Papa jiġi ħu **Stiefnu II** (752-757AD). Dan huwa l-uniku każ ta' żewġ Papiet aħwa fl-istorja tal-Knisja.

**Stiefnu III** (768-772AD) minn Sqallija. Inkurunat 13-il xahar wara l-mewt tal-Papa ta' qablu. Għex ħajja imdejqa għal atroċitajiet li saru fi żmien li kien Papa f'Ruma.

**Adrijanu I** (772-795AD) li dan 23 sena Papa. L-iktar Papa li dam jirrenja fis-seklu VIII. Kien ħabib kbir tal-Frank, speċjalment ta' Karlu Manju li bis-saħħa tiegħu keċċa lil Longobardi minn Ruma. Karlu Manju, iben Pepinu (il-Qasir). Żar Ruma xi 3 darbijiet li wegħdu li huwa dejjem lest li jiddefendi l-interessi tal-Papa ta' dak iż-żmien.

## **It-talb f'ħajjitna..**



Fl-Evanġelju nsibu sbatax-il darba fejn lil Ġesù narawh jitlob matul il-ħajja pubblika tiegħu, mill-magħmudija fil-Ġordan sa' fuq il-Kalvarju.

"L-għada fil-għodu kmieni ħafna, qam u ħareġ u mar fi mkien imwarrab, u hemm qagħad jitlob." (Mk 1:35-36)

Bdew għaddejjin il-ġimgħat u x-xhur u l-appostli baqgħu jhewdnu fuq dan il-bniedem li tant kien jieħu pjaċir jitlob! Indunaw li ħajjet Kristu kienet magħġuna mat-talb u ma tafx meta ma jkunx qiegħed jitlob. Darba staqsewh: "Mulej għallimna nitolbu . .." (Lq 11:1) U Ġesù għallimhom it-talba li nsejħulha l-MISSIERNA.

Imma kif kien jitlob Ġesù? It-talb mhuwiex metodu imma mod ta' ħajja:

**Ġesù' kien ifittex ħin tajjeb.**

Fil-kultura Lhudija t-talb kien sar wirja .. esebizzjoniżmu .. min igħajjat l-aktar it-talbiet ta' kuljum. Għall-kuntrarju Ġesù kien jinħeba fuq xi għolja jew iterraq id-deżert. Kien igħaddi ljieli u jiem sħaħ jitlob. Kien jinqata' għalih biex jimtela' spiritwalment, biex fit-talb jissaħħan mill-imħabba tal-Missier. Kien iġedded lilu nnifsu biex fil-missjoni tiegħu jkun aktar fuq tiegħu u mimli ħeġġa.

**Ġesù kien jikkontrolla l-emozzjonjiet tiegħu.**

Ġesù kien bniedem li għadda mill-esperjenza ta' l-emozzjonjiet kollha. Narawh jifraħ kif ukoll jibki, jiddiżappunta ruħhu, jirrabja u jinkorla, għajjien, jibki bla mistħija quddiem kulħadd. Ġesù qatt ma nsibu li sfida lil Alla l-Missier anzi jbaxxi rasu quddiem ir-rieda tal-Missier: "Missier, jekk trid, warrab dan il-kies minni; iżda mhux ir-rieda tiegħi, imma ssir ir-rieda tiegħek" (Lq 22:42-44). Fuq is-salib: "Missieri, f'idejk jien nerħi ruħi.." (Lq 23:46)

Ġesù kien dejjem lest għar-rieda tal-Missier.

*(ikompli f'paġna 7)*



Aħna spiss nimtlew b'dak li mhux sewwa, b'dak li hu egoist u impur. Għalhekk. meta nersqu lejn Alla fit-talb, jeħtiġilna l-ewwel "induru lejħ"; nindmu, mhux sempliċiment bil-kliem ta' l-indiema, imma billi tassew inbiddlu r-rotta ta' ħajjitna biex nagħmlu żgur dak li Alla jrid.

F'kull waqt ta' ħajjitna għandna bżonn nduru lejn Alla biex isaffina. Qallu Pietru: "Ma taħsilli riġlejja qatt'. Wieġeb Ġesu': "Jekk ma naħslekx, ma jkollokx sehem miegħi'. Qallu Xmun Pietru: 'Mulej, mhux riġlejja biss, imma idejja wkoll u rasi!" (Gw. 13:8-9).

It-talb jitrasformana, ibiddilna, itina ħajja ġdida. "U qam u telaq għal għand missieru. Kif kien għadu fil-bogħod, raħ missieru, u, mqanqal mill-ħasra, mar jiġri u ntefa u biesu. Qallu ibnu: 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqlix aktar nissejjaħ ibnek'. Qal missieru lill-qaddejja tiegħu: "ġibu malajr l-aħjar libsa u libbsuhielu, qegħdulu ċ-ċurkett f'idu u qorq f'riġlejh: u ġibu l-għoġol imsemmen, oqtluh ħa nieklu u nifirħu, għax dan ibni kien mejjet u reġa ħa l-ħajja, kien mitluf u nsab.' U bdew jifirħu". (Lq 15:20-24)

It-talb f'ħajti għandu sens biss jekk inħalli l-Missier Alla jgħaġinni skond ir-rieda tiegħU.

**<u>"Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef"</u>.**[1]

"It-talb hu meħtieġ għax aħna esposti għal żewġ tipi ta' tentazzjonijiet: minn banda nkunu prużuntużi u naħsbu li kapaċi nirbħu waħedna; mill-banda l-oħra nibżgħu li mhux se jirnexxilna; inħossu li l-prova hi aktar b'saħħitha mill-ħila tagħna. Iżda Ġesù jiżgurana li l-Missier mhux se jonqos milli jagħtina l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu jekk aħna nishru u nitolbuH bil-fidi." *Chiara Lubich*

[1] *Parola di vita*, April 1990, ippubblikata fuq ir-rivista Città Nuova, 1990/6, p. 9